



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI EWROPEA GĦALL-
AFFARIJET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 18.12.2012
JOIN(2012) 37 final

2012/0368 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-
sitwazzjoni fis-Sirja**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 sabiex jagħti effett għad-deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja.
- (2) Fil-15 ta' Ottubru 2012, il-Kunsill approva d-Deċiżjoni 2012/634/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2011/782/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011. Dawn l-emendi ġew inkorporati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/739/PESK tad-29 ta' Novembru 2012 li ħassret u ssostitwiet id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011. Elementi addizzjonali jeħtieġu emenda tar-Regolament Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012.
- (3) Aktar projbizzjonijiet li kienu ġew inkorporati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/739/PESK, jinkludu projbizzjoni fuq ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, u finanzjament jew assistenza finanzjarja għax-xiri ta' oġġetti simili.
- (4) Huwa wkoll meħtieġ li jiġi żgurat li l-miżuri restrittivi kontra s-Syrian Arab Airlines ma jipprevenux atti jew tranżazzjonijiet imwettqa għall-għan waħdieni tal-evakwazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom mis-Sirja.
- (5) Saru meħtieġa ċerti emendi tekniċi lil miżuri eżistenti. B'mod partikolari, ċerti dispożizzjonijiet rigward il-kontrolli ta' trasferimenti ta' fondi għandhom jiġu riveduti sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi u sabiex tiġi prevenuta ċ-ċirkumvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- (6) L-Artikolu 29(2) tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 jipprovdi li l-informazzjoni mogħtija jew irċevuta għandha tintuża biss għall-iskopijiet li għalihom tkun ġiet ipprovduta jew irċevuta. Dik id-dispożizzjoni għandha tiġi kkwalifikata sabiex jiġi ċċarat li dan ma jżommx lill-Istati Membri milli jaqsmu tali informazzjoni mas-Sirja u Stati Membri oħra skont il-liġi nazzjonali għall-fini tal-irkupru ta' assi misapproprjati.

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri ristrettivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/739/PESK tad-29 ta' Novembru 2012 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u li jħassar id-Deċiżjoni 2011/782/PESK¹,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011² sabiex jagħti effett għad-deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) Nru 2011/273/PESK.³
- (2) Dawn l-emendi ġew inkorporati fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/739/PESK tad-29 ta' Novembru 2012 li ħassret u ssostitwiet id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/782/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011.
- (3) Fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/739/PESK ġie deċiż li jiġu pprojbiti x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, u finanzjament jew assistenza finanzjarja għax-xiri ta' oġġetti simili.
- (4) Saru meħtieġa ċerti emendi tekniċi lil miżuri eżistenti. B'mod partikolari, ċerti dispożizzjonijiet rigward il-kontrolli ta' trasferimenti ta' fondi għandhom jiġu riveduti sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi u sabiex tiġi prevenuta ċ-ċirkumvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Huwa wkoll meħtieġ li jiġi ċċarat li l-miżuri restrittivi kontra s-Syrian Arab Airlines m'għandhomx jipprevenu atti jew tranżazzjonijiet imwettqa għall-għan waħdieni tal-evakwazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom mis-Sirja.

¹ ĠU L 330, 30.11.2012, p. 21.

² ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

³ ĠU L 319, 2.12.2011, p. 56.

- (5) L-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 jikkonċerna l-iskambju tal-informazzjoni bejn persuni, entitajiet u korpi biex jiffaċilita l-konformità mar-Regolament. L-Artikolu 29(2) jipprovdi li l-informazzjoni mogħtija jew irċevuta għandha tintuża biss għall-iskopijiet li għalihom tkun għet ipprovduta jew irċevuta. Madankollu, l-Artikolu 29 (2) ma jżommx lill-Istati Membri milli jaqsmu tali informazzjoni skont il-liġi nazzjonali mas-Sirja u Stati Membri oħra meta meħtieġ bil-għan li jassisti l-irkupru ta' assi misapproprjati.
- (6) Huwa meħtieġ ukoll li r-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi aġġornat bl-aħħar informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u tal-indirizz tal-Kummissjoni Ewropea.
- (7) Ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) Wara l-Artikolu 3, għandu jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

"Artikolu 3a

Huma pprojbiti:

- (a) ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness 1 mis-Sirja jew kwalunkwe tali tagħmir li joriġinaw fis-Sirja;
 - (b) li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, finanzjament jew assistenza finanzjarja, inklużi derivattivi finanzjarji, assigurazzjoni u riassigurazzjoni, u servizzi ta' senserija relatati mal-assigurazzjoni u mar-riassigurazzjoni għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew itrasport imsemmijin fil-punt (a) hawn fuq; jew,
 - (c) il-parteċipazzjoni, b'mod konxju jew intenzjonat, l'attivitajiet li l-oġettiv jew l-effett tagħhom ikun li jinħarbu l-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt (a).
- (2) L-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 18

1. B'deroga mill-Artikolu 14, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, kif indikat fil-websajts elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrarja stabbilita qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, l-entità jew il-korp imsemmija fl-Artikolu 14 jkunu ġew elenkati fl-Anness II jew IIa, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva fl-Unjoni Ewropea, jew deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

- (b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi se jintużaw esklussivament biex jintlaħqu l-pretensjonijiet żgurati minn tali garanzija jew rikonoxxuti bħala validi f'tali sentenza, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom tali pretensjonijiet;
- (c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness II jew IIa;
- (d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jkunx imur kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

2. L-Istat Membru kkonċernat jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu.”

- (3) Fl-Artikolu 21a jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. L-Artikolu 14 (2) ma jipprevjenix atti jew tranżazzjonijiet imwettqa fir-rigward tas-Syrian Arab Airlines għall-għan waħdieni tal-evakwazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom mis-Sirja."

- (4) Wara l-Artikolu 29 għandu jkun miżjud il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Il-paragrafu 2 ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jaqsmu din l-informazzjoni skont il-liġi nazzjonali tagħhom mas-Sirja u ma' Stati Membri oħra fejn ikun meħtieġ u biex jgħinu fl-irkupru ta' assi miżapproprjati."

- (5) L-Anness III huwa mibdul bl-Anness ta' ma' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

"ANNESS III

LISTA TAL-AWTORITAJIET KOMPETENTI FL-ISTATI MEMBRI U INDIRIZZ GĦAN-NOTIFIKI LILL-KUMMISSJONI EWROPEA

A. Awtoritajiet kompetenti għal kull Stat Membru:

IL-BELĠJU

<http://www.diplomatie.be/eusanctions>

IL-BULGARIJA

<http://www.mfa.bg/en/pages/135/index.html>

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

<http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce>

ID-DANIMARKA

<http://um.dk/da/politik-og-diplomati/retsorden/sanktioner/>

IL-ĠERMANJA

<http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html>

L-ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA

<http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519>

IL-GREĊJA

<http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html>

SPANJA

http://www.maec.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones%20Internacionales/Paginas/Sanciones_%20Internacionales.aspx

FRANZA

<http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/>

L-ITALJA

http://www.esteri.it/MAE/IT/Politica_Europea/Deroghe.htm

ĊIPRU

<http://www.mfa.gov.cy/sanctions>

IL-LATVJA

<http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539>

IL-LITWANJA

<http://www.urm.lt/sanctions>

IL-LUSSEMBURGU

<http://www.mae.lu/sanctions>

L-UNGHERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/Kulpolitikank/nemzetkozi_szankciok/

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

IL-PAJJIŻI L-BAXXI

www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-vrede-en-veiligheid/sancties

L-AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

IL-POLONJA

<http://www.msz.gov.pl>

IL-PORTUGALL

<http://www.min-nestrangeiros.pt>

IR-RUMANIJA

<http://www.mae.ro/node/1548>

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika_in_mednarodno_pravo/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

IS-SLOVAKKJA

<http://www.foreign.gov.sk>

IL-FINLANDJA

<http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet>

L-ISVEZJA

<http://www.ud.se/sanktioner>

IR-RENJU UNIT

www.fco.gov.uk/competentauthorities

B. Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea jew komunikazzjonijiet oħra magħha:

European Commission

Service for Foreign Policy Instruments (FPI)

EEAS 02/309

B-1049 Brussels

Belgium"